***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u tlieta u sebgħin laqgħa (laqgħa straordinarja) tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ġimgħa 5 ta' Frar 2010 fil-5.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |

Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittri li rċieva mingħand Dr. Johnaton Abela, is-Sur Mario Caruana u s-Sur Arthur Ellul fejn talbu li jiġu skużati għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba impenji oħra.

Il-Kunsill approva li jiġu skużati.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-Sena Finanzjarja April/Diċ 2009

Il-Kunsilliera ngħataw kopji tal-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja April sa Diċembru 2009. (Kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Is-Sur Pierre Mangion, *Accountant* tal-Kunsill spjega fid-dettal l-istess *Financial Statements* u wieġeb għall-mistoqsijiet f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja minn April sa Diċembru 2009.

## 4. ***Budget* Annwali – Sena Finanzjarja Jannar sa Diċembru 2010**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-*Budget* Annwali propost għas-sena finanzjarja Jannar sa Diċembru 2010 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsill l-infiq tas-sena l-oħra u l-infiq propost għas-sena d-dieħla.

Il-Kunsill approva unanimament il-*Budget* Annwali għas-Sena Finanzjarja Jannar sa Diċembru 2010.

## 5. **Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti**

### *5.1 Contracts Manager*

Il-Kunsill iddeċieda li ssir reviżjoni tal-Kuntratt tal-*Contracts Manager* u jevalwa jekk hemmx il-ħtieġa ta' kuntratt separat għas-servizzi ta' Perit kif ukoll għas-servizzi ta' *Contracts Manager*.

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li rċieva lment li taħt il-*patching* li sar fi Triq Brighella ma ngħatax qatran. Ġie deċiż li nitolbu l-*Contracts Manager* biex jinvestiga dan l-ilment.

### *5.2 Gwardjan Lokali 555*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra li l-Uffiċjal Awtorizzat bagħat lill-Kunsill rigward ilmenti dwar Gwardjan Lokali 555. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lill-Kumitat *Ad hoc* li nħatar biex jevalwa rapporti dwar imġieba ta' Gwardjani Lokali.

Il-Kunsill iddeċieda unanimament li jikteb lill-Uffiċjal Awtorizzat fejn jintalab ineħħi permanentament il-Gwardjan Lokali 555 mill-Ħamrun minħabba n-nuqqas ta' sens komun u l-arroganza tiegħu. F'każ li dan ma jitneħħix il-Kunsill ma jkollux triq oħra ħlief li jikkunsidra jwaqqaf temporanjament is-servizz tal-Gwardjani Lokali fil-Ħamrun.

### *5.3 Impjieg ta' skrivan/a*

Il-Kunsill irċieva l-awtorizazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jimpjega skrivan/a ieħor/oħra mal-Kunsill. Ġie deċiż li s-Sindku, l-Viċi Sindku, Dr P. Mifsud Bonnici, s-Sinjura C. Borg u s-Segretarju Eżekuttiv ikunu fil-Bord tal-Intervisti. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-ewwel sejħa trid tkun interna bejn il-Kunsilli Lokali kollha.

### *5.4 Malta Transport*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li l-Malta Transport evalwat is-*survey* li sar fil-Ħamrun, iddeċiedew li għandhom jitneħħew l-i*sleeping policemenn* tal-lastiku u numru ta' ħadid fil-Ħamrun biex jitwaqqa l-*enforcement*. Is-Sindku spjega li ser jassigura li l-*enforcement* huwa għal kulħadd qabel jibda jinqala l-ħadid u *sleeping policemen*.

*5.5 Patching*

Is-Sinjura J. Bugeja ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-bżonn ta' *patching* fi Triq Ġużè Marija Camilleri.

5.6 *Bring-in Sites*

Is-Sinjura J. Bugeja ssuġġerit li titpoġġa *sticker* tal-lokalita' fuq l-*iskips* tal- *Bring-in Sites* fil-Ħamrun.

*5.7 Tindif*

Is-Sur C. Valletta ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-bżonn li jitnaddaf madwar il-monument ta' Fra Diegu minħabba li ġie nfurmat li hemm ħamiem u ġrieden mejta.

*5.8 Latrina Pubblika*

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li qed jirċievi diversi ilmenti rigward l-istat tal-latrina pubblika fi Triq il-Ferrovija. Ġie deċiż li jibdew isiru spezzjonijiet regolari.

*5.9 Żvilupp Sostenibbli*

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li Dr. Alan Deidun mhux jattendi l-laqgħat li qed isiru regolarment bejn l-esperti u ma weġibx għat-talba li saritlu biex issir laqgħa miegħu. Ġie deċiż li f'każ li jibqa' ma jwieġibx, għanda tinstab persuna oħra esperta fil-qasam ta' l-Ambjent.

*5.10 Sussidju tal-Kunsill*

Is-Sinjura C. Borg talbet biex il-Kunsill jikteb lill-persuni b'diżabilita li s-soltu jattendu l-attivitajiet tal-Kunsill biex jiġu nfurmati li mhux permess aktar li l-Kunsill jissussidjahom għall-ħlas tal-attivitajiet organizzati mill-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

*5.11 Bankina – Triq Mile End*

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward bankina mkissra fi Triq Mile End. Ġie deċiż li ssir spezzjoni u stima f'dan ir-rigward.

*5.12 Bankina – Triq Dun Nerik Cordina Perez*

Is-Sur C. Valletta ġibed l-attenzjoni dwar periklu li hemm fuq il-bankina fi Triq Dun Nerik Cordina Perez fejn hemm *inspection box* imkisser. Ġie deċiż li ssir spezzjoni u rapport lill-Pulizija f'dan ir-rigward.

## 6. <u>Schedule of Payments</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sal-5 ta' Frar 2010 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas ta' l-istess kontijiet.

7. **Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45pm

| | |
|---|---|
| Vincent Bonello | Philip Massa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Kunsill Lokali Ħamrun | Kunsill Lokali Ħamrun |

DATA